**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-20 ta' Frar 2019**

**Talba Numru 232/2018SFJ**

**Andreas Grech**
**(332387M)**

**vs.**

**David Grech**
**(353080M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-22 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€4,500.00) rimbors ta' depożitu ta' xogħol, fost oħrajn, ta' *tile laying*, *membrane*, *kitchen top*, *bathrooms*, taraġ u *brick wall*, li ma sarx mill-konvenut nonostante tentattivi l-ewwel biex jibda x-xogħol imbagħad tentattivi sabiex isir ir-rimbors tad-depożitu li kien ħallas.

It Tribunal intalab ukoll jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż legal ital-ittra legali tat-8 ta' Mejju 2018 u tal-imgħaxijiet skont il-liġi.

Ra d-dokument "A" anness mal-Avviż tat-Talba u osserva li dan id-dokument mhux kopja taċ-ċekk tal-APS li ġie msarraf mill-konvenut, kif indikat fl-Avviż, iżda riċevuta mill-APS li kien hemm "*loan account*" tal-attur u ċertu Janice Formosa għall-ammont ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€4,500.00). Ma kien hemm ebda indikazzjoni li tindika lil min kienet pagabbli l-*bank draft* u jekk din issarfitx.

Ra li l-konvenut debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża ħlief darba, fis-6 ta' Novembru 2018 fejn dehret il-konsulent legali tiegħu l-Avv. Maria Margo Zammit Fiorentino li dakinhar tat ruħha notifikata bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ għall-assistit tagħha li kellu tmintax-il jum minn dik il-ġurnata biex jippreżenta r-risposta tiegħu.

Ra li minkejja dan, la saret risposta u lanqas deher hu jew ir-rappreżentant legali tiegħu fis-seduti segwenti sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li l-kapitolu ġie ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2018 iżda fil-frattemp, inbidel il-ġudikant u għalhekk, l-attur ġie mitlub jippreżenta kapitolu mill-ġdid fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2019 stante li l-ewwel kapitolu ma kienx ġie iffirmat mill-ġudikant preċedenti.

Ra li għalhekk, fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2019, l-attur ippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut li bih ried jipprova bil-ġurament li huwa debitur tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li minkejja dan, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad it-talbiet.

Ra li ġiet ippreżentata nota fil-15 ta' Jannar 2019 li tindika li fil-mori tal-kawża, sar ħlas ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500.00) u għalhekk jifdal bħala sorte, skont l-attur, l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000.00).

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Illi in vista, allura, tal-fatti, il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja.

It-Tribunal talab lill-attur jixhed bil-ġurament u jipproduċi dokumenti ġusti u korretti. Fis-seduta tal-4 ta' Frar 2019, l-attur xehed taħt ġurament u ipproduċa d-dokumenti relattivi, ċioe:

i. Dokument "AG1" li huwa *bank draft* maħruġ favur il-konvenut għas-somma ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€4,500.00);

ii. Dokument "AG2" li huwa kopja tad-*draw down loan account bank draft* relatata mal-istess;

iii. Dokument "AG3" li hija *quotation* tax-xogħlijiet magħmulin lill-attur mill-konvenut; u

iv. Dokument "AG4" li hija talba għad-depożitu mill-konvenut lill-attur.

Ra li l-attur xehed taħt ġurament li l-bilanċ li għadu dovut mill-konvenut illum huwa dak ta' tlett elef Ewro (€3,000.00) peress li l-konvenut kien ħallsu total ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500.00) fix-xhur preċedenti.

Jidher għalhekk li din it-talba tal-attur ġiet ampjament ippruvata.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet tal-attur u jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000.00) bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba u bl-imgħax legali mis-6 ta' Novembru 2018 meta ta ruħu notifikat bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**

**GUDIKATUR**